MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 2588/1998/1

**TWILIGHT ENTERPRISES LIMITED**

vs

**FESTA LIMITED**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-10 ta' Diċembru, 1998, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-kumpannija attriċi talbet li din l-Qorti (i) ssib li ż-żewġ kitbiet privati li saru bejn il-partijiet fis-16 ta' Jannar, 1992, u fl-20 ta' Mejju, 1993, kienu baqgħu fis-seħħ sal-għeluq tagħhom, jiġifieri sal-31 ta' Ottubru, 1997; (ii) issib li l-kumpannija mħarrka kisret l-imsemmija ftehim billi, mingħajr ma kellha raġuni tajba, naqset li twettaq dak li ntrabtat għalih ma' l-

kumpannija attriċi; (iii) issib li, minħabba n-nuqqas tal-kumpannija mħarrka, l-kumpannija attriċi ġarrbet danni konsistenti f'telf ta' xogħol, telf ta' qligħ u danni oħra konsegwenzjali; (iv) tillikwida, jekk meħtieġ bil-ħatra ta' periti, d-danni li hija ġarrbet minħabba l-kumpannija mħarrka; u (v) tikkundannaha tħallasha d-danni hekk likwidati. Talbet ukoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fl-20 ta' April, 1999, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi ċaħdet bil-qawwa li hija naqset milli twettaq ir-rabtiet tagħha skond kull ftehim milħuq mal-kumpannija attriċi, imma kienet din tal-aħħar li naqset mill-obligi tagħha u għamlet ħsara lill-istess eċċipjenti. Għalhekk, tgħid li hija m'għandha tħallas l-ebda danni lill-kumpanija attriċi;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tad-29 ta' Marzu, 1999[1], li bih hija ġabet għas-smigħ quddiemha l-kawża minħabba r-rabta tagħha mal-kawża fl-ismijiet "*Christopher Mizzi għan-nom u in rappreżentanza tas-Soċjeta' Festa Limited vs David Aġius u Stephen Delicata bħala Diretturi għan-nom u in rappreżentanza tas-Soċjeta' Twilight Enterprises Limited*"[2];

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-21 ta' Ġunju, 1999[3], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor il-provi tal-partijiet;

Rat il-verbal magħmul mill-avukati difensuri tal-partijiet waqt is-smigħ tal-21 ta' Ġunju, 1999[4], li bih qablu li ssir riferenza għall-provi mressqa fil-kawża Numru 935/95AJM. Kemm hu hekk, biċċa l-kbira mill-provi miġbura f'dik il-kawża jinsabu wkoll ikkupjati fl-atti ta' din il-kawża[5];

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju mill-partijiet;

---

[1] Paġ, 22 tal-proċess
[2] Ċitazz. Nru. 935/95AJM (maqtugħa fid-9.1.2002 u konfermata mill-Qorti tal-Appell fil-25.9.2006)
[3] Paġ, 29 tal-proċess
[4] Paġ. 30 tal-proċess
[5] Dok "SD", f'paġġ. 75 sa 252 tal-proċess

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet ulterjuri mressqa mill-kumpannija mħarrka fit-2 ta' Marzu, 2007[6], li biha eċċepiet il-ġudikat dwar l-azzjoni attriċi;

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Mejju, 2007[7], li bih waqqfet proviżorjament il-ħatra tal-Assistent Ġudizzjarju u ordnatilha trodd lura l-inkartament ħalli tkun mistħarrġa u trattata l-eċċezzjoni ulterjuri tal-kumpannija mħarrka;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjoni ulterjuri;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Diċembru, 2007[8], li bih u fuq talba magħmula mill-kumpannija attriċi b'rikors tagħha tal-21 ta' Diċembru, 2007, waqfet milli tgħaddi għall-għoti tas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni ulterjuri biex l-istess rikorrenti tressaq provi dwarha;

Semgħet ix-xhud imressqin mill-kumpannija attriċi;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjoni ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni ulterjuri tal-ġudikat;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal dikjarazzjoni ta' ksur ta' ftehim u għad-danni minħabba dak il-ksur. Il-kumpannija attriċi kienet ftiehmet mal-kumpannija mħarrka li din tibgħat turisti fil-lukanda mmexxija mill-kumpannija attriċi. Il-kumpannija attriċi tgħid li, minkejja li l-ftehim bil-miktub kien imtawwal sa l-aħħar ta' Ottubru, 1997, il-kumpannija

[6] Paġ. 418 tal-proċess
[7] Paġ. 437 tal-proċess
[8] Paġ. 440 tal-proċess

mħarrka naqset milli tkompli tibgħat nies fil-lukanda msemmija u b'hekk ikkawżatilha danni. Trid li l-kumpannija mħarrka tagħmel tajjeb għal dawk id-danni;

Illi l-kumpannija mħarrka tiċħad li hija naqset milli tħares u twettaq ir-rabtiet tagħha mal-kumpannija attriċi, anzi tgħid li kienet dik li, min-naħa tagħha, naqset milli tirrispetta l-patti ta' bejniethom u ikkawżatilha danni. Wara xi żmien, hija qajmet ukoll l-eċċezzjoni tal-ġudikat;

Illi tajjeb li jingħad li din il-kawża kienet qiegħda tinstema' flimkien ma' kawża oħra li l-kumpannija mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "Festa") kienet fetħet xi tliet snin qabel din kontra l-kumpannija attriċi tal-lum (aktar 'il quddiem imsejħa "Twilight"). Minħabba f'dik il-kawża, din il-kawża kienet inġabet quddiem il-Qorti li kienet qiegħda tisma' l-kawża l-oħra minħabba r-rabta bejn it-tnejn. Din il-Qorti (diversament presjeduta) tat is-sentenza fil-kawża l-oħra f'Jannar tal-2002 meta l-provi f'din il-kawża kienu għadhom qegħdin jinġabru. Minn dik is-sentenza, li nqatgħet favur Festa, Twilight kienet appellat. Madankollu, l-appell tagħha ma ntlaqax b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Settembru, 2006. Kien minħabba f'dik is-sentenza li Festa qajmet l-eċċezzjoni ulterjuri tal-ġudikat fejn qalet li l-mertu f'din il-kawża safa eżawrit sewwasew b'dak li ngħad fl-istess sentenza;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-imsemmija eċċezzjoni ulterjuri;

Illi għal dak li jirrigwarda l-istħarriġ li meħtieġ isir għall-finijiet ta' din is-sentenża, il-<u>fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża</u> juru li bis-saħħa ta' ftehim privat tat-28 ta' Novembru, 1991[9], wieħed David Aġius ħa b'kera mingħand D.C.F. Limited bini li kien fi stat ta' ġebel u saqaf, fi Triq il-Qaliet, San Ġiljan, li kellu jintuża bħala lukanda. Bi ftehim li ntlaħaq bejn l-istess D.C.F. Limited u l-imsemmi David Aġius, fl-10 ta' Jannar, 1992[10], il-kirja għaddiet minn fuq isem Aġius għal fuq Twilight. Il-bini

[9] Dok f'paġġ. 280 – 2 tal-proċess
[10] Dok f'paġġ. 283 – 4 tal-proċess

tmexxa minn Twilight bħala lukanda bl-isem "*President Hotel*";

Illi fis-16 ta' Jannar, 1992[11], sar ftehim b'kitba bejn Twilight u Festa li bis-saħħa tiegħu Twilight tat lil Festa għoxrin (20) kamra doppja fl-imsemmija lukanda biex fihom tqiegħed turisti li hija, bħala aġent, kellha ġġib f'Malta bejn Ġunju ta' dik is-sena u Mejju tal-1993. Dak il-ftehim sar taħt il-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra. Dak inhar, saret kitba oħra[12] li bih żdiedet klawsola oħra mal-ftehim l-ieħor. Fl-20 ta' Mejju, 1993[13], l-effetti tal-imsemmi ftehim ittawlu sal-31 ta' Ottubru, 1997;

Illi b'kitba li saret fl-20 ta' Awissu, 1994[14], Twilight ittrasferiet it-tmexxija tal-imsemmija lukanda lill-kumpannija S.A.R. Hotels Limited, taħt il-patti u l-kundizzjonijiet hemm miftehma, b'seħħ mill-1 ta' Frar, 1995[15], u dan wara li kien sar ftehim fl-20 ta' Awissu, 1994[16] bejn Twilight u l-Avukat Austin Sammut li kien qed jidher bħala *nominee* ta' prinċipal mhux imsemmi, u kitba oħra bl-istess data[17] fejn l-imsemmi prinċipal kien identifikat bħala S.A.R. Hotels Limited;

Illi b'żewġ ittri uffiċjali tal-11 ta' Jannar, 1995[18], u tad-19 ta' April, 1995[19], Festa interpellat lil Twilight biex troddilha lura s-somma flus li avvanzatilha minħabba l-ftehim dwar l-akkomodazzjoni, u dan wara li Festa saret taf li Twilight kienet welliet il-kirja tal-lukanda lil S.A.R. Hotels Limited Fit-28 ta' Ġunju, 1995, Festa fetħet kawża[20] kontra Twilight għar-radd lura tal-imsemmija somma minħabba li qalet li Twilight ma kenitx aktar f'qagħda li twettaq il-ftehim milħuq bejniethom f'Jannar tal-1992;

Illi fit-12 ta' Marzu, 1998[21], Twilight interpellat lil Festa b'ittra uffiċjali biex tersaq għal-likwidazzjoni tad-danni li

---

[11] Dok "A", f'paġġ. 6 – 9 tal-proċess
[12] Dok "B", f'paġ. 11 tal-proċess
[13] Dok "Ċ", f'paġ. 12 tal-proċess
[14] Dok "RA2", f'paġġ. 274 – 7 tal-proċess
[15] Ara DOk "RA1", f'paġġ. 272 – 3 tal-proċess
[16] Dok f'paġġ. 286 sa 290 tal-proċess
[17] Dok "RA3", f'paġ. 296 tal-proċess
[18] Dok "F1", f'paġġ. 298 – 9 tal-proċess
[19] Dok "F4", f'paġġ. 301 – 2 tal-proċess
[20] Ċitazz. Nru. 935/95AJM
[21] Dok "D", f'paġ. 13 tal-proċess

ġarrbet minħabba ksur tal-ftehim imsemmija. Festa warrbet l-imsemmija talba b'ittra uffiċjali tagħha tat-18 ta' Ġunju, 1998[22]. Twilight fetħet din il-kawża f'Diċembru tal-1998;

Illi bħala konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbuta mal-eċċezzjoni taħt eżami jibda biex jingħad li, mit-trattazzjoni li saret quddiemha mill-avukati tal-partijiet, jidher li hemm qbil bejniethom dwar x'inhuma l-elementi meħtieġa u stabiliti dwar x'jikkostitwixxi l-ġudikat. Dak li ma jaqblux dwar l-partijiet huwa jekk huwiex minnu li dawn l-elementi jirriżultaw f'dan il-każ;

Illi l-għaref difensur tal-kumpannija attriċi jisħaq li l-azzjoni attriċi m'hijiex milquta mil-ġudikat, u dan għaliex il-konsiderazzjonijiet li wasslu kemm lill-Qorti tal-Ewwel Grad u kif ukoll lill-Qorti tal-Appell biex isibu li l-ftehim kien waqa' nisslu biss effett *ex tunc* fuq l-imsemmija kuntratti ta' bejn il-partijiet, u għalhekk, il-pretensjonijiet dwar id-danni li ġarrbet Twilight qabel ma l-kuntratt kien meqjus mitmum baqgħu bla mittiefsa. Skond Twilight, Festa kienet saret ħatja lejha għad-danni qabel ma l-lukanda kienet twelliet lit-terzi, u huwa dwar dawn id-danni li l-kawża tal-lum tittratta;

Illi llum il-ġurnata hemm qbil ġenerali kemm fid-dottrina u kif ukoll fis-sentenzi tal-Qrati dwar x'inhuwa meħtieġ biex l-eċċezzjoni tal-ġudikat tista' tintlaqa'. Tlieta huma l-elementi li jmisshom jiġu murija minn min iqanqal l-eċċezzjoni biex din isseħħ. Dawn l-elementi huma l-istess oġġett (*eadem res*), l-istess partijiet (*eadem personae*) u l-istess mertu (*eadem causa petendi*). Huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eċċezzjoni tirnexxi jeħtieġ li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru għax, fin-nuqqas, ma jistax jingħad li l-ħaġa hija l-istess (*nisi omnia concurrunt, alia res est*);

Illi l-eċċezzjoni tal-ġudikat tissemma fl-artikolu 730 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili bħala waħda

[22] Dok "E", f'paġ. 14 tal-proċess

li dwarha għandha tingħata deċiżjoni b'kap għaliha, ukoll jekk tinqata' flimkien mal-mertu fid-deċiżjoni aħħarija;

Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza[23], li tbiegħed il-possibilita' ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita' ta' kwestjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat[24];

Illi minħabba fil-fatt li dik l-eċċezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jistħoqqilha tiġi meqjusa minn qorti, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tingħata interpretazzjoni dejqa[25], tant li, f'każ ta' dubju, l-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni[26];

Illi, min-naħa l-oħra, dan il-prinċipju huwa mwieżen b'dak l-ieħor daqstant għaqli li, fejn kwestjoni tkun ġiet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata, tiġi konfermata; jew, jekk ma tiġix appellata jew ritrattata fiż-żmien li tippreskrivi l-liġi, ma ssir l-ebda proċedura oħra li tattakka lil dik is-sentenza[27]. Dan il-prinċipju jissaħħaħ meta l-kwestjoni li dwarha tinfetaħ it-tieni kawża tkun diġa' teżisti fil-waqt li tingħata s-sentenza fl-ewwel kawża[28];

Illi fil-kawża tal-lum, ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar iż-żewġ elementi tal-identita' tal-persuni u tal-identita' tal-ħaġa li hija s-suġġett tal-kawża tal-lum u dik li kienet is-suġġett tal-kawża maqtugħa;

Illi jidher li l-punt kontrovers huwa dak dwar <u>l-element tal-identita' tat-talba attriċi</u> preżenti mat-talbiet li kienu saru fil-kawża l-oħra li Festa fetħet kontra Twilight madwar tliet snin qabel infetħet din il-kawża. Ġeneralment, b'dan l-

---

[23] App. Kumm. **5.10.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Herrera noe vs Cassar noe et*** (Kollez. Vol: **LXXVI.ii.489**)
[24] App. Ċiv. **28.6.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Caterina Ġerada et vs Avukat Antonio Caruana*** (mhix pubblikata)
[25] P.A. PS **28.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Borġ et vs Anthony Francis Willoughby et***
[26] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **5.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***J. Camilleri vs L. Mallia*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.305**), u s-sentenzi hemm imsemmija
[27] Ara P.A. **11.3.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar Parnis vs Soler*** (Kollez. Vol: **XXXIII.ii.344**);
[28] P.A. GV **27.6.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***A.P. Farruġia noe vs T. Borġ Reveille et*** (Mhix pubblikata)

element wieħed jifhem u jirreferi għat-titolu jew kawżali li fuqhom jinbnew it-talbiet tal-kawża. Dwar dan il-punt inqalgħu għadd ta' diffikultajiet matul iż-żmien dwar it-tifsira xierqa li jmissha tingħata lill-frażi l-"istess kawżali" (*eadem causa petendi*), l-iżjed dwar kemm għandha titwessa' t-tifsira tal-identita' bejn dak li jkun ġie deċiż u dak li jkun qiegħed jintalab fit-tieni kawża. Huwa tassew ovvju li l-eċċezzjoni tal-ġudikat tintrabat ma' l-eżistenza ta' sentenza; il-kwestjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispożittiva tagħha (fil-kliem strettament użati mill-ġudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jintagħmlu u li jwasslu għal dik is-sentenza;

Illi l-Qorti tosserva li ġie wkoll għadd ta' drabi mfisser li l-ġudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun ġie espressament dibattut fil-kawża li s-sentenza tagħha titqiegħed bħala l-bażi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' ġie diskuss u ma jkunx ġie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih[29]. Il-bidla jew differenza fil-mottivi tal-*causa petendi* fit-tieni proċediment ma jġibx fix-xejn il-ġudikat[30];

Illi din il-Qorti fittxet l-għejjun ta' dritt li minnhom ħarġet u ssaħħet id-duttrina tal-ġudikat f'dan ir-rigward, b'mod partikolari dak li jgħallmu l-awturi Aubry, Rau u Laurent. M'huwiex għalxejn li l-liġi tipprovdi[31] li s-sentenza għandha tkun motivata u li jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun sejset id-deċiżjoni tagħha. Huwa minħabba dawk ir-raġunijiet li wieħed jista' jifhem x'ikun wassal lill-Qorti taqta' l-kawża kif fil-fatt qatgħetha. Kien għalhekk li jingħad li d-dispożittiv ta' sentenza m'għandux jittieħed separatament mill-motivat, imma ghandu jiġi minn dan definit u spjegat[32];

[29] App. Ċiv. **6.5.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Lambusa Maritime Company Ltd vs Freightzone (Malta) Ltd.***
[30] Ara P.A. FGC **4.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Cole Foods Limited vs Accent Clear Traders Company Limited*** (mhix pubblikata) u l-għadd ta' sentenzi hemm imsemmija
[31] Art. 218 tal-Kap 12;
[32] Ara App. Ċiv. **25.4.1938** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciberras Trigona vs Sammut et*** (Kollez. Vol: **XXX.i.131**); App. Ċiv. **31.3.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Farruġia*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.76**) u App. Ċiv. **12.5.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Testaferrata Boniċi utrinque*** (Kollez. Vol: **XLII.i.287**)

Illi dan it-tagħlim ġie mfisser u mtenni wkoll b'mod ċar ħafna fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-**26 ta' Mejju, 1967** fil-kawża fl-ismijiet _Grima vs Fava et_[33] li għaliha u r-rassenja ta' ġurisprudenza msemmijin fiha ssir riferenza;

Illi, fil-qosor jingħad li, jekk bejn it-talbiet tat-tieni kawża u dak li ġie deċiż fl-ewwel kawża jkun hemm kontradizzjoni u impossibilita' ta' ko-eżistenza, allura jirrikorri r-rekwiżit tal-identita' tal-oġġett[34] li jikkostitwixxi dan l-element kostitutiv tal-eċċezzjoni tal-ġudikat;

Illi l-Qorti qieset sewwa l-kliem u t-tfassila taż-żewġ kawżi u ssib li tirriżulta tassew identita' fit-talbiet bejn il-kawża l-oħra u din. Dan jingħad għal aktar minn raġuni waħda. Fl-ewwel lok, mill-ewwel talba attriċi joħroġ aktar minn ċar li l-azzjoni attriċi timmira li ġġib id-dikjarazzjoni li l-ftehim milħuqin bejn Twilight u Festa baqgħu fis-seħħ sa Ottubru tal-1997. Mill-ħames premessa tal-Att taċ-Ċitazzjoni, jidher ċar ukoll li Twilight torbot il-kwestjoni tad-danni allegatament imġarrba mal-eżistenza u l-effikaċja tal-istess kuntratti. Fit-tieni lok, id-danni reklamati minn Twilight huma danni kuntrattwali u mhux akwiljani, għaliex li kieku d-danni pretiżi minnha tassew kienu hekk, kienu jkunu għalxejn l-ewwel żewġ talbiet. Għalhekk, ladarba s-sentenza mogħtija fil-kawża l-oħra sabet li kienet Twilight li effettivament kienet kisret il-ftehim meta welliet il-lukanda lil terzi bla ma rabtet lil dawn li jonoraw il-ftehim li kellha ma' Festa, allura jsegwi li Twilight ma tistax tippretendi li Festa tħallasha xi danni għan-nuqqasijiet tagħha stess. Hawnhekk, jidher li tgħodd ir-regola li *inademplendi non est ademplendum*, li dwarha din il-Qorti m'għandhiex għalfejn toqgħod tidħol fil-fond aktar milli tirreferi għall-ġurisprudenza f'dan ir-rigward[35]. Fit-tielet lok, kienet l-istess kumpannija Twilight li, wara li ngħatat is-sentenza tal-kawża l-oħra fl-ewwel grad, talbet lill-Qorti (diversament presjeduta) tikkunsidra jekk imisshiex tirrikuża ruħha u tastejni milli tkompli tqis din il-kawża sewwasew għaliex dik il-Qorti "kienet ġa esprimiet ruħha

---

[33] Kollez. Vol: **LI.i.325**
[34] Ara P.A. RCP **9.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Rabat Construction Ltd vs Cutajar Construction Co Ltd***.
[35] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **29.10.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Nażżareno Vassallo et noe vs Dr. Michael Caruana et noe***

fuq il-mertu tal-preżenti kawża” meta iddeċidiet il-kawża l-oħra[36];

Illi f’dan ir-rigward il-Qorti jidhrilha li għandha tirrileva siltiet mis-sentenza li dwarha Festa ressqet l-eċċezzjoni taħt eżami. Tirreferi għall-paragrafu għaxra (10) tal-imsemmija sentenza fejn jingħad: “*Fil-fehma ta’ din il-Qorti huwa evidenti illi fil-każ odjern id-debitur, u cioe` s-soċjeta` appellanti* (jiġifieri Twilight)*, biddlet l-istat tagħha b’mod li ma jistax jiġi raġjonevolment ritenut illi hija ma kkompromettietx is-servizz miftiehem u mħallas bil quddiem mis-soċjeta` appellata* (jiġifieri Festa)*. Dan għaliex is-soċjeta` appellanti ma ddejqet xejn titrasferixxi il-Hotel President f’idejn terzi persuni, mingħajr ma infurmat lill-akkwirent bl-obbligi preċiżi li kienet assumiet. B’dan it-trasferiment kien jidher ċar illi hija ma kienx ser ikollha x’taqsam iżjed ma’ l-operazzjoni tal-Hotel President. Isegwi allura li hija ma setgħetx tiggarantixxi li kienet sejra tibqa’ f’pożizzjoni li tkun tista’ tonora l-obbligi tagħha bħala operatur tal-Hotel President mas-soċjeta` appellata*”. L-istess jingħad dwar dak li joħroġ minn paragrafu tnax (12) tal-istess sentenza: “*Din il-Qorti hija sodisfatta li bit-trasferiment li sar tal-ġestjoni tal-Hotel President lil terzi, s-soċjeta` appellanti ppreġudikat il-fornitura tas-servizz li hija waħedha obbligat ruħha li tipprovdi lis-soċjeta` appellata. Is-soċjeta` appellata qatt ma ssemmiet speċifikatament fil-kuntratt tat-trasferiment u wisq anqas ipparteċipat fih. Irrizulta li s-soċjeta` appellata saret taf b’dan it-trasferiment wara li l-imsemmi kuntratt ġie ffirmat. B’dan il-ftehim is-soċjeta` appellanti tterminat id-dritt tagħha li topera l-lukanda Hotel President, liema dritt ġie trasferit lil terzi, li lanqas biss ġew infurmati bl-eżistenza ta’ l-obbligi naxxenti bil-kuntratti esebiti ma’ l-att taċ-ċitazzjoni. Huwa evidenti għal din il-Qorti li f’dawn iċ-ċirkostanzi s-soċjeta` appellanti rrendiet ruħha f’kundizzjoni li ma setgħetx tibqa’ tonora adegwatament l-obbligi assunti minnha vis-à-vis is-soċjeta` appellata, għaliex għandu jiġi sottolinejat illi l-ftehim bejn il-kontendenti kien li l-akkommodazzjoni kellha ssir f’lukanda partikolari cioe` l-Hotel President*”;

[36] Ara fol 63 tal-proċess

Illi dan kollu jwassal għall-fehma li dan it-tielet element meħtieġ għas-siwi tal-eċċezzjoni taħt eżami intwera li jeżisti wkoll u għalhekk hemm raġuni tajba biex l-eċċezzjoni tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri** tal-kumpannija mħarrka u ssib li l-azzjoni attriċi hija milquta mill-ġudikat maħluq bis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Settembru, 2006, fil-kawża fl-ismijiet "*Christopher Mizzi għan-nom u in rappreżentanza tas-Soċjeta' Festa Limited vs David Aġius u Stephen Delicata bħala Diretturi għan-nom u in rappreżentanza tas-Soċjeta' Twilight Enterprises Limited*" (Ċitazz. Nru. 935/95AJM);

**Teħles lill-kumpannija mħarrka** mill-ħarsien tal-ġudizzju safejn l-azzjoni attriċi hija milquta mill-imsemmi ġudikat; u

**Tikkundanna** lill-kumpannija attriċi tħallas l-**ispejjeż tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------